# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)

**Rikors Numru: 17/16 CSH**

**Beacon Services Ltd (C60400)**

**Vs**

**Otto Malta Limited (C44085)**

**Illum 17 ta' Mejju, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' Beacon Services Ltd nhar l-4 ta' Frar, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' ghaxart elef sitt mija u ghoxrin Ewro (€10,620) rapprezentanti l-korrispettiv, kif ukoll it-taxxa fuq il-valur mizjud imponibbli fuq l-istess korrispettiv, dovut minnha lill-istess socjeta' attrici ghal servizzi debitament rezi u accettati minnha, kollox a tenur tal-kuntratt datat 16 ta' Mejju, 2013.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru imressaq kontestwalment, u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' kull fattura mhux imhallsa sal-jum tal-hlas effettiv, kif ukoll bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti gudizzjarji tas-socjeta' konvenuta.

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikati skond riferta pozittiva tal-Marixxal Marco Bonnici datata 24 ta' Marzu 2016 fejn thalliet kopja tar-rikors promotur u tal-avviz tas-smiegh fil-Kunsill Lokali tal-Hamrun u fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun (fol.9 tergo).

Rat ukoll illi l-konvenut kien notifikat bir-rikors u bl-avviz tas-smiegh permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' April, 2016 (fol. 10) kif ukoll permezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali 'Times of Malta' tal-25 ta' April, 2016 (fol. 13).

Illi fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2016 semghet lil **John Micallef** in rapprezentanza tas-socjeta' attrici jghid bil-gurament tieghu li d-debitu ghadu dovut u li ma sar l-ebda pagament fil-mori tal-kawza,

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2016 s-socjeta' konvenuta ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara semghet lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Otto Malta Limited (C44085) thallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' ghaxart elef, sitt mija w ghoxrin Ewro (€10,620). Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' kull fattura mhux imhallsa sal-jum tal-hlas effettiv.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**

*Illum 17 ta' Mejju, 2016.* *Magistrat Dott. C. Scerri Herrera LL.D.*